MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 67/2004

Chris Grech .

vs

Dr. Alfred Grech .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-kontendenti kienu ffirmaw konvenju datat 24 ta' Novembru 2003 li permezz tiegħu l-attur obbliga ruħu li jixtri mingħand il-konvenut u l-konvenut obbliga ruħu li jbiegħ lill-attur il-fond numru 2, Ahimsa Flats, Skerla Street, Sannat, Għawdex liema konvenju kien validu sa l-aħħar ta' Mejju 2004 kopja tal-konvenju hawn anness u mmarkat Dok. A .

Illi l-konvenut minkejja interpellat uffiċċjalment sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni ta' l-att Notarili opportun ta' trasferiment immedjatament qabel skada l-konvenju u dan ai termini tal-artikolu 1357 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-istess konvenut baqa' inadempjenti .

Illi l-attur għalhekk m'għandux alternattiva ħlief li jintavola din l-istanza fi żmien tletin jum mid-data ta' l-iskadenza tal-konvenju ai termini ta' l-istess artikolu 1357 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lill-konvenut jersaq għall-pubblikazzjoni ta' l-att Notarili opportun ta' trasferiment ta' l-imsemmi fond .

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tordna lill-konvenut sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni ta' l-att Notarili opportun ta' trasferiment tal-fond numru 2, Ahimsa Flats, Skerla Street, Sannat, Għawdex prevja dikjarazzjoni, jekk hemm bżonn, li l-konvenut għandu jersaq għat-tali kuntratt in virtu tal-konvenju datat 24 ta' Novembru 2003 kif inhu obbligat li jagħmel .

2. Tiffissa ġurnata, ħin u lok għall-pubblikazzjoni ta' l-att Notarili opportun ta' trasferiment ta' l-imsemmi fond .

3. Tinnomina Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv ta' trasferiment ta' l-imsemmi fond kif ukoll kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tat-28 ta' Mejju 2004 kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur, konfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi :

1. Illi l-eċċipjenti ma huwiex illeġittimu kontradittur tal-attur peress illi qatt ma kellu x'jaqsam dwar xi bejgħ jew trasferiment di kwalunkwe titolu kemm tal-proprjeta' deskritta fiċ-ċitazzjoni kif ukoll ta' kwalunkwe proprjeta' oħra .

2. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda stante illi huwa ma għandu ebda proprjeta' bid-deskrizzjoni imsemmija fiċ-ċitazzjoni li jista' jiddesponi minnha .
Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat il-verbal tagħha tal-24 ta' Mejju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob li l-Qorti tordna lill-konvenut jersaq għall-publikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-proprjeta' msemmija fiċ-ċitazzjoni, li dan kien intrabat li jbiegħlu a tenur ta' skrittura ta' konvenju datata l-24 ta' Novembru 2003[1] . Dan il-konvenju kellu jiskadi fit-30 ta' Mejju 2004, u peress illi l-konvenut ma kienx għadu resaq għall-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt sa ftit jiem biss qabel din id-data, u biex l-istess konvenju ma jilħaqx jitlef l-effetti tiegħu, a tenur ta' l-artikolu 1357(2) tal-Kap. 16, l-attur interpellah sabiex jersaq għal dan il-kuntratt permezz ta' ittra uffiċċjali tat-28 ta' Mejju 2004[2] . Billi l-konvenut baqa' inadempjenti, fil-25 ta' Ġunju 2004 ġiet imbagħad intavolata din il-kawża, li għalhekk saret entro t-terminu stipulat mil-liġi sabiex il-konvenju ma jitlifx il-validita' tiegħu .

[1] Dok. A anness ma' c-citazzjoni .
[2] Dok. B ibid. .

Bl-eċċezzjoni preliminari tiegħu l-konvenut qed jgħid illi mhux il-leġittimu kontradittur billi l-proprjeta' msemmija fiċ-ċitazzjoni ma tappartjenix u lanqas qatt kienet tappartjeni lilu . Dan huwa kkonfermah fid-depożizzjoni tiegħu,[3] fejn spjega kif l-istess proprjeta' kienet tal-kumpanija MGA Properties Limited, li huwa kien biss wieħed mid-diretturi tagħha . Qal ukoll illi d-direttur l-ieħor kien il-mibki avukat Dottor Michael Grech, li qatt ma ta l-kunsens tiegħu la għal dan il-konvenju u lanqas għall-bejgh relattiv . Wara kollox dan kollu seta' faċilment ġie konstatat mill-attur kieku dan laħaq għamel id-debiti riċerki dwar provenjenza li soltu jsiru qabel il-publikazzjoni ta' kwalunkwe kuntratt ta' xiri ta' xi proprjeta' mmobbli, qabel ma ntavola l-kawża preżenti . Jirriżulta għalhekk illi din l-eċċezzjoni hija ġustifikata .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' din l-eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur, salv u mpreġudikat pero' kwalunkwe dritt ieħor spettanti lilu skond il-liġi .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] ara xhieda tal-konvenut tal-25 ta' Novembru 2004 a fol 18 tal-process